**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Wayne Camilleri]**

**vs**

**Ramona Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 576/2019**

**Illum, tmienja (8) ta' Frar 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ramona Vella detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 328480(M):

Gie akkuzat talli, nhar it-18 ta' Novembru 2018, ghall-habta tal-erbgha ta' filghaxija (16:00hrs) gewwa l-Bypass tal-Hamrun/Marsa

waqt li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Renault Espace b'numru tar-registrazzjoni HBA043;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fil-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Jesmine Zerafa, Kenzie Mercieca u Gabriella Vella;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Mario Charles Parascandolo, Jan Parascandolo u Katarazyna Parascandolo;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara, hassar jew gharraq il-vettura tal-ghamla BMW X6 b'numru tar-registrazzjoni GCB565 ghad-dannu ta' Mario Charles Parascandolo;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soq vettura tal-ghamla Renault Espace b'numru tar-registrazzjoni HBA043 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn elenka l-Artikolu tal-Ligi li bihom qed jitlob li ghandha tinstab htija kontra l-imputata u cioe':-

- Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 328 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 15(1)(a) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolamenti Tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li nqraw dawn l-Artikoli l-imputata ddikjarat illi ma kellhiex oggezzjoni sabiex din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-inkjesta Magisterjali redatta mill-Magistrat Dr. Marseanne Farrugia (Dok BM);

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq incident awtomoblistiku bejn zewg vetturi fil-Bypass tal-Hamrun fit-18 ta' Novemru 2018 u fejn minhabba dan l-incident sfaw feruti diversi nies li kienu fil-vettura tal-imputata kif ukoll fil-vettura li habtet maghha.

Illi semghet ix-xhieda tal-Isptettur Wayne Camilleri hareg illi dakinhar tal-incident ghal xi l-erbgha ta' wara nofsinhar fil-post inkwistjoni kien hemm zewg vetturi mahbuta kwazi *head on* u fejn diversi persuni sfaw feruti minn dan l-incident (vide rapport ta' PC 813 Clinton Vella li esebixxa numru ta' ritratti tal-incident). Illi t-tifla tal-imputata u cioe' Gabriella Vella kienet tinsab fil-periklu li titlef hajjitha u ghalhekk huwa talab sabiex tithejja inkjesta. Huwa jghid illi mill-investigazzjoni sar jaf illi l-imputata kienet qed issuq mill-Hamrun direzzjoni lejn il-Marsa u ghal xi raguni tilfet il-kontroll u giet fuq il-karreggjata opposta u hemmhekk habtet ma' vettura ohra ta' Parascandolo BMW X6 fejn fiha kien hemm is-

sewwieq Charles Parascandolo, il-mara tieghu u tifel minuri fejn dawn ukoll garrbu xi griehi. Illi rrizulta wkoll illi Gabriella Vella kienet riekba fuq in-naha tal-passiggier quddiem u fis-*seat* ta' wara kien hemm xi hbieb ta' Gabriella li prattikament ma' garrbux griehi.

Xehed ukoll il-**Perit Richard Aquilina** li in sostenn mar-rapport tieghu pprezentat fl-inkjesta magisterjali (fol. 96) zied jghid illi bhala kundizzjoni tat-triq kienet wahda normali hlief li kien ghad hemm ix-xogholijiet fit-triq u allura ma kienx hemm is-*central barrier* tan-nofs fuq is-*central strip*. Din fil-fatt giet impoggija ezatt wara l-incident. Hekk kif irrelata fir-relazzjoni tieghu hu jikkonferma illi l-imputata qabzet il-karreggjata u marret fl-opposta. Huwa jzid ukoll illi ghalkemm it-triq kienet tidher normali kien hemm xi naqra *debris* fejn kienu haffru ghall-bejtiet tal-pilastri (vide ritratt fol. 166) u kienu ser ipoggu ic-*channels* taghhom.

Rat illi d-difiza ma kellhiex kontestazzjoni ghall-fatt illi xi persuni garrbu xi griehi u n-natura tal-griehi li garrbu u ghalhekk kien hemm qbil illi provi rigward il-griehi ma kellhomx ghalfejn jittellghu;

Semghet ix-xhieda ta' **PC984 Kurt Souness** ikkonferma li dakinhar tal-incident mar fuq il-post fejn l-ambulanza kienet diga' giet u kienet hadet hafna mill-vittmi l-isptar u fejn huwa mbaghad baghat ghal *tow truck* sabiex tigi zgumbrata l-karreggjata.

Finalment xehdet l-imputata **Ramona Vella** li ddikjarat li dakinhar tal-incident kienet qed issuq vettura Renault Espace vann fejn kienet gejja minn San Giljan u wara li qabdet il-mini ta' Santa Venera fuq in-naha ta' barra tal-mini. Qabzet il-mini u regghet marret ghan-naha ta' barra tat-triq stante li hemmhekk kien qed isiru xi xogholijiet fit-triq. It-traffiku kien mexxej u f'daqqa u l-hin hija tghid illi hasset it-triq mhux dritta. Hija tghid illi minn hemmhekk ma tiftakar xejn hlief li qalghet id-daqqa f'rasha u qamet. Fuq domanda tal-avukat difensur hija kompliet tispjega illi fit-triq kien qed isir xi thaffir biex jaghmlu l-*bollards* fil-genb tant li kien hemm xi zrar fit-triq.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta u cioe' l-Inginier Jean Paul Azzopardi hareg illi l-verzjoni

tal-imputata kienet wahda veritjiera meta jghid f'pagna 3 tar-rapport tieghu (fol. 117) u cioe':

*"Fuq ic-central strip dehru l-marki tat-tyres u brix li halliet ir-Renault fil-hin li qabzet fuq il-karreggjata opposta. Dawn is-sinjali juru it-trajettorja li ghamlet il-vettura waqt l-incident. Dawn il-marki tat-tyres ma jikkorrispondux ma brake marks.*

*L-incident sehh meta' kien ghadu d-dawl u l-art kienet xotta. It-triq fejn sehh l-incident kienet ghadha kif tlestiet minn resurfacing izda x-xogholijiet kienu ghadhom mhux kompluti. Il-crash barriers li jifirdu iz-zewg karreggjati kienu ghadhom mhux installati. Dawn gew installati ftit jiem wara li sehh l-incident wara li s-sottoskritt rega' ecceda fuq il-post."*

Illi pero' dan l-espert wasal biex jikkonkludi illi l-imputata ma kellhiex il-kontroll tal-vettura izda ma setax jaghti spjegazzjoni ghaliex. Illi a bazi ta' dan ir-rapport ittiehdu passi kontra l-imputata. L-Inginier jikkonkludi illi:

*"L-incident jidher li huwa wiehed ta' natura gravi minhabba l-fatt li l-kollizjoni hi tat-tip 'head on'. Meta wiehed jara l-estimu tal-velocitajiet tal-impatt tal-vetturi, li huma 70 km/hr ghar-Renault u 51 km/hr ghal-BMW, jikkonkludi li dawn huma velocitajiet ragonevoli specjalment meta tikkunsidra li dawn il-vetturi kienu qeghdin isuqu f'bypass. L-impatt gie aggravate minhabba li sar bejn zewg vetturi li kienu sejrin f'direzzjoni opposta u ghalhekk ir-'resultant velocity' tigi is-'summation' tal-velocita' taz-zewg vetturi f'daqqa. Is-sottoskritt jinnota li kieku kien hemm il-crash barriers installati dan l-incident kien jigi evitat.*

*Ghaldaqstant is-sottoskritt ma sab l-ebda raguni definittiva li harget mix-xhieda ta' x'seta' wassal ghal dan l-incident. Is-sottoskritt hu ta l-opinjoni li l-kagun ta' l-accident kienet Ramona Vella li ma kelliex kontroll assolut tal-vettura li kienet qeghda issuq. Din l-opinjoni hi ibbazata fuq il-fatt li ma jidher li kien hemm l-ebda manuvra min-naha ta' Ramon Vella biex tevita l-accident, bhal brake marks li jkunu iffurmati min 'sudden/hard braking'".*

Ikkunsidrat:

Illi l-konkluzjoni tal-espert Inginier Jean Paul Azzopardi meta jghid illi l-kawza tal-incident kienet tal-imputata peress li din ma kellhiex il-kontroll tal-vettura ma tantx taghmel sens legalment u dan ghaliex biex tigi accertata l-kolpevolezza ta' persuna f'incidenti stradali wiehed irid jara l-kawza ghaliex l-imputata ma kellhiex il-kontroll tal-vettura.

Illi jirrizulta mill-atti tal-inkjesta illi l-imputata la kienet taht l-influwenza tax-xorb, la kienet qed issuq b'xi velocita' u l-anqas kienet qed issuq b'xi traskuragni jew negligenzi ghaliex anke mix-xhieda ta' xi hbieb tat-tifla tal-imputata, dawn jghidu illi l-imputata kif telqu qaltilhom sabiex jilbsu s-*seatbelts* u joqghodu kwieti u fit-tragitt tat-triq qabel l-incident l-anqas biss kienet qed tkellimhom.

Illi jirrizulta wkoll illi l-espert ma setax isib il-kawza il-ghaliex l-imputata tilfet il-kontroll tal-vettura, kollox kien jindika li l-imputata kienet konxja tal-madwar izda ghal xi raguni xi haga sehhet li hasditha (meta tghid illi f'daqqa wahda t-triq tahtha ma baqghetx dritta) u ghal xi raguni ma kellhiex cans li taghmel

manuvra riparatorja. Fil-ligi kriminali ma tistax tghid illi gialadarba ma gietx maghrufa l-kawza mela l-imputata ghandha tigi misjuba hatja jekk il-provi cirkostanzjali l-ohra kollha jimmitigaw a favur l-imputata.

Illi f'dan ir-rigward jinghad illi hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti. Hemm 1) l-imprudenza, li tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli; 2) in-negligenza, li tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil- kondotta tieghu; u 3) l-imperizja; li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe` kif jghid Manzini:- *"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

Illi ghalhekk johrog car illi gialdarba ma hareg xejn mill-atti li turi jew tindika b'mod remot illi l-imputata ma kellhiex dik il-kondotta kolpuza rikjesta mil-ligi din ma tistax tinstab hatja tar-reati addebitati lilha.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata Ramona Vella hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha stante li ma gewx ippruvati u kwindi tilliberaha minnhom.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**